FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 11 TA' GUNJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI
VS
GIOVANNI ABELA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Giovanni Abela ta 42 sena, iben Carmelo u Maria nee Spiteri, imwieled Zejtun fis-17 ta' Mejju 1959 u residenti Marjohn, Triq tumas Fenech, B'Kara detentur ta' karta tal-identita numru 346359M talli fit-13 ta' Settembru 1999 u fil-jiem ta' qabel, matul il-gurnata, b'mezzi qarrieqa li bihom seta kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' ilma, ikkommetta serq ta' ilma fl-ammont ta' Lm42.35 mill-fond 51/52, Triq San Pawl Milqi, Burmarrad, ghad-dannu tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma, liema serq huwa kwwalifikat bil-mezz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni b'mod specjali mix-xhieda tal-kwerelant jirrizulta (ara fol 37 et seq) illi Joseph Muscat kien qabbad lill-imputat sabiex jaghmilklu xi xoghol ta' tibjid fil-fond indikat fic-citazzjoni.

Illi irrizulta illi il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kienu ghamlu inspection u sabu pipe imqabbad mal-main minghajr komunikazzjoni ma' meter u li l-pulizija kienu gew jkellmu lill-istess kwerelant Muscat.

Illi minn hemmhekk il-kwerelant ha lil-imputat ghand nutar biex l-imputat bil-gurament tieghu jiehu responsabbilita ghal dak illi ghamel u fil-fatt hekk gara.

Il-kwerelant jammetti wkoll illi fil-fond meritu tal-avviz ma kienx hemm meter la tad-dawl u l-anqas tal-ilma stante illi il-fond kien ghadu taht kostruzzjoni.

Illi dawn il-fatti huma inkontestati u kemm il-prosekuzzjoni kif wkoll id-difiza jaqblu fuqhom.

Ikkunsidrat:-

Illi f'tali sitwazzjoni minhabba illi l-akkuza de quo titratta ir-reat tas-serq ta' ilma b'mezzi qarrieqa, kien fid-dover tal-prosekuzzjoni li mhux biss tipprova l-lactus reus imma wkoll il-mens rea. Illi f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni naqset illi tipprova illi l-imputat kellu xi intenzjoni li jisraq l-ilma. Naqset bl-aktar mod lampanti li tipprova x'kienu dawn il-mezzi qarrieqa.

In oltre jirrizulta bic-car illi bl-azzjonijiet illi ghamel, l-imputat ma approfita xejn ghalih personalment. L-uniku haga illi sar semmai kien bi profitt ghal min qabbad lill-imputat il-ghaliex ix-xogholijiet illi kien qed jaghmel l-imputat kienu biss ghall-kwerelant.

Din il-Qorti temmen illi dak li ghamel l-imputat kien sempliciment sabiex jiffacilita ix-xoghol tieghu u ma kellu ebda hsieb illi jisraq. Zbalja meta ghamel il-komunikazzjoni mhux tramite il-meter pero dan sar mhux b'xi mezzi qarrieqa jew rieda qarrieqa izda sempliciment b'herqa semmai esagerata sabiex jitlesta ix-xoghol.

Hawnhekk wiehed jrid joqghod attent wkoll illi l-imputat kien qed jaghmel xoghol ta' tibjid illi jirrikjedi ammont minimu ta' ilma, ammont illi din il-Qorti ma tistax ma tqiesux bhala insinifikanti.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr issib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.